IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

**Konklużjonijiet** tal-Avukata Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja
Laila Medina
fil-Kawża C-449/25 | Serviciul pentru Imigrări al judeţului Bihor (Sħubija ċivili)

Stqarrija għall-istampa Nru 129/26
Il-Lussemburgu, 17 ta’ Settembru 2026

# Avukata Ġenerali Medina: is-sempliċi eżerċizzju tal-libertà ta’ moviment, mingħajr ma tiġi stabbilita residenza effettiva fi Stat Membru ieħor, ma huwiex biżżejjed sabiex jagħti lok għal dritt ta’ residenza dderivat skont id-dritt tal-Unjoni Ewropea għal sieħeb ta’ ċittadin tal-Unjoni li huwa ċittadin ta’ Stat terz

*Ir-rifjut li jingħata dritt ta’ residenza dderivat minn Stat Membru ma jaqax taħt il-kamp ta’ applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni dwar iċ-ċittadinanza meta ċ-ċittadin tal-Unjoni qatt ma jkun għex fl-Istat Membru li fih ġiet konkluża l-unjoni ċivili, u meta ma tkun teżisti ebda relazzjoni ta’ dipendenza mas-sieħeb ta’ pajjiż terz*

Fl-2024, ċittadina Rumena vvjaġġat lejn l-Italja bl-uniku għan li tikkonkludi unjoni ċivili mas-sieħba Brittanika tagħha. Iċ-ċittadina Rumena rritornat lejn ir-Rumanija ftit taż-żmien wara. F’dak iż-żmien, it-tnejn li huma kienu qegħdin jirrisjedu r-Rumanija u l-Awstralja, rispettivament, u l-ebda waħda minnhom ma kienet tirrisjedi l-Italja. Sitt xhur wara, fl-2025, is-sieħba tagħha, iċ-ċittadina Brittanika, daħlet ir-Rumanija sabiex tgħix hemmhekk. Madwar tliet xhur wara l-wasla tagħha, hija talbet estensjoni tad-dritt ta’ residenza temporanja tagħha fir-Rumanija għall-finijiet tar-riunifikazzjoni tal-familja. Din it-talba ġiet irrifjutata għar-raġuni li d-dritt Rumen ma jirrikonoxxix unjonijiet ċivili bejn persuni tal-istess sess u li ċ-ċittadina Brittanika ma kinitx tissodisfa il-kundizzjonijiet stabbiliti mil-leġiżlazzjoni Rumena dwar ir-riunifikazzjoni tal-familja [1]. Hija kkontestat id-deċiżjoni ta’ ritorn quddiem il-qorti tar-rinviju, il-Curtea de Apel Oradea (il-Qorti tal-Appell ta’ Oradea, ir-Rumanija). Dik il-qorti staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-Artikolu 21(1) TFUE jipprekludix lir-Rumanija milli tirrifjuta li tagħti dritt ta’ residenza lil ċittadin ta’ pajjiż terz li miegħu dan iċ-ċittadin tal-Unjoni kkonkluda unjoni ċivili skont id-dritt ta’ Stat Membru ieħor li fih ebda wieħed minnhom ma rrisjeda, minħabba li d-dritt Rumen ma jirrikonoxxix is-sħubijiet ċivili bejn persuni tal-istess sess.

Fil-konklużjonijiet tagħha ppreżentati llum, **l-Avukata Ġenerali Laila Medina tipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li s-sitwazzjoni inkwistjoni ma taqax taħt il-kamp ta’ applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar iċ-ċittadinanza, jiġifieri l-Artikoli 20 u 21(1) TFUE.**

**Fir-rigward tal-Artikolu 21(1) TFUE**, l-Avukata Ġenerali tfakkar li **din id-dispożizzjoni tagħti dritt ta’ moviment liberu liċ-ċittadini tal-Unjoni** u li **kull dritt ta’ residenza ta’ membru tal-familja ta’ pajjiż terz jirriżulta** minn din il-libertà eżerċitata. L-Avukata Ġenerali tenfasizza wkoll li l-elementi fattwali tal-kawża jikkostitwixxu sitwazzjoni li fiha, wara li jkun eżerċita drittijiet ta’ moviment liberu, ċittadin tal-Unjoni jirritorna lejn l-Istat Membru tan-nazzjonalità u jfittex li jinvoka dawn id-drittijiet sabiex jikseb dritt ta’ residenza għas-sieħeb li huwa ċittadin ta’ pajjiż terz (iktar ’il quddiem is-**“sitwazzjoni U-turn**”). Anki jekk **id-Direttiva 2004/38 ma tkoprix tali “U-turns”**, il-kundizzjonijiet għall-għoti ta’ dritt ta’ residenza dderivat fl-Istat Membru ospitanti lil ċittadin ta’ pajjiż terz, li huwa membru tal-familja taċ-ċittadin tal-Unjoni, **għandhom japplikaw b’analoġija**, peress li fiż-żewġ każijiet huwa ċ-ċittadin tal-Unjoni li eżerċita d-dritt ta’ moviment liberu u li huwa l-isponsor għal tali dritt idderivat.

Sabiex dritt ta’ residenza dderivat jirriżulta mid-dritt tal-Unjoni f’sitwazzjoni ta’ “U-turn” għandhom jiġu ssodisfatti żewġ kundizzjonijiet kumulattivi. L-ewwel nett, iċ-ċittadin tal-Unjoni għandu jkun effettivament irrisjeda fi Stat Membru ieħor skont il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 7 jew fl-Artikolu 16 tad-Direttiva 2004/38. It-tieni nett, il-ħajja tal-familja

għandha tkun inħolqot jew ġiet imsaħħa matul din ir-residenza effettiva.

F'dan il-każ, peress li ċ-ċittadina Rumena ma stabbilixxietx residenza effettiva fl-Italja, l-Istat Membru li fih ġiet konkluża l-unjoni ċivili maċ-ċittadina Brittanika, u vvjaġġat lejn l-Italja bil-għan biss li tikkonkludi unjoni ċivili, li kienet segwita minn ritorn immedjat lejn ir-Rumanija, **ir-rekwiżit ta' "residenza effettiva" skont l-Artikoli 7 u 16 tad-Direttiva 2004/38 ma huwiex issodisfatt.**

Barra minn hekk, **ebda ħajja tal-familja ma nħolqot jew ġiet imsaħħa fl-Italja** fis-sens tas-sentenza O. u B. [2]. Fil-mument tal-konklużjoni tal-unjoni ċivili, iċ-ċittadina Rumena kienet iddomiċiljata fir-Rumanija u s-sieħba tagħha kienet iddomiċiljata fl-Awstralja u s-sieħba waslet ir-Rumanija biss madwar sitt xhur wara. Għaldaqstant, ebda ħajja tal-familja komuni ma ntgħexet fl-Italja fi kwalunkwe mument. Konsegwentement, **it-tieni kundizzjoni kumulattiva lanqas ma hija ssodisfatta**. Għalkemm il-konklużjoni ta' unjoni ċivili hija att ġuridikament sinjifikattiv, din ma hijiex ekwivalenti għall-għejxien bħala familja fl-Istat Membru ospitanti.

**Fir-rigward tal-Artikolu 20 TFUE,** l-Avukata Ġenerali tirrileva li **ma hemmx relazzjoni ta' dipendenza li hija rrikonoxxuta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja bejn iċ-ċittadina Rumena u s-sieħba tagħha.** Il-limitu stabbilit minn din il-ġurisprudenza [3], li jeħtieġ li rifjut ta' residenza jkun jobbliga liċ-ċittadin tal-Unjoni jitlaq mit-territorju tal-Unjoni kollu kemm hu, ma jintlaħaqx f'dan il-każ.

Għalhekk, l-Avukata Ġenerali tikkonkludi li l-**Karta tad-Drittijiet Fundamentali ma tapplikax f'dan il-każ**, peress li s-sitwazzjoni ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni; kull protezzjoni tad-dritt tar-rikorrenti għall-ħajja tal-familja għandha għalhekk titkompla taħt il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

**Għaldaqstant, l-Avukata Ġenerali tipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi li l-Artikolu 20 u l-Artikolu 21(1) TFUE, moqrija flimkien mad-Direttiva 2004/38, applikata b'analoġija, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux lill-awtoritajiet tal-Istat Membru li tiegħu ċittadin tal-Unjoni għandu n-nazzjonalità milli jirrifjutaw li jagħtu dritt ta' residenza fit-territorju ta' dan l-Istat Membru lil ċittadin ta' pajjiż terz li miegħu dan iċ-ċittadin tal-Unjoni kkonkluda unjoni ċivili skont id-dritt ta' Stat Membru ieħor, minħabba nuqqas ta' rikonoxximent tal-unjonijiet ċivili bejn persuni tal-istess sess mill-Istat Membru tan-nazzjonalità.**

Għall-finijiet ta' kompletezza, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja kellha tiddeċiedi li d-dritt tal-Unjoni huwa applikabbli, l-Avukata Ġenerali tippreżenta analiżi alternattiva. Id-dispożizzjonijiet Rumeni li jeżiġu l-prova ta' residenza preċedenti fi Stat Membru ieħor, li jimponu r-rekwiżit ta' wild komuni, u li totalment jirrifjutaw ir-rikonoxximent ta' sħubijiet ċivili barranin tal-istess sess ikunu, f'dan il-każ, jidhru li huma inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

**TFAKKIRA:** Il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali ma jorbtux lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rwol tal-Avukati Ġenerali huwa li jipproponu lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'indipendenza sħiħa, soluzzjoni legali għall-kawża li tkun ġiet assenjata lilhom. L-Imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja issa ser jibdew id-deliberazzjonijiet tagħhom f'din il-kawża. Is-sentenza ser tingħata f'data iktar tard.

**TFAKKIRA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti lill-qrati tal-Istati Membri, fil-kuntest ta' tilwima li jkollhom quddiemhom, jagħmlu lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea domandi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew dwar il-validità ta' att tal-Unjoni.

Il-Qorti Ġenerali għandha kompetenza sabiex titratta t-talbiet għal deċiżjoni preliminari li jikkonċernaw esklużivament (1) is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (VAT), (2) id-dazji tas-sisa, (3) il-Kodiċi Doganali, (4) il-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda, (5) il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri f'każ li jiġu miċħuda milli jitilgħu abbord jew ta' dewmien jew kanċellazzjoni ta' servizzi tat-trasport jew (6) is-sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha kompetenza sabiex tittratta t-talbiet għal deċiżjoni preliminari l-oħra kollha.

La l-Qorti tal-Ġustizzja u lanqas il-Qorti Ġenerali ma jaqtgħu t-tilwima fil-proċedura nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tagħti soluzzjoni għall-kawża li jkollha quddiemha konformement mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja jew tal-Qorti Ġenerali. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li jkunu aditi bi problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-media, li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja. Il-preżentazzjoni tal-fatti u tal-kuntest ġuridiku tirrifletti s-sitwazzjoni fiż-żmien rilevanti u hija bbażata fuq il-proċess tal-kawża.

It-test sħiħ tal-konklużjonijiet huma ppubblikati fis-sit CURIA dakinhar li jingħataw.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ✆ (+352) 4303 3355

Immaġni tal-qari tal-konklużjonijiet huma disponibbli fuq "Curia Web TV" kif ukoll fuq "'European Broadcasting Service" ✆ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!

[1] Artikolu 83(1) u Artikolu 88(1) u (3)(b) tad-Digriet ta' Emerġenza tal-Gvern Nru 194/2002.

[2] Sentenza tat-12 ta' Marzu 2014, O. u B., C-456/12 u C-457/12 (ara wkoll l-Istqarrija għall-Istampa Nru 32/14).

[3] Ara, pereżempju, is-sentenza tat-8 ta' Marzu 2011, Ruiz Zambrano, C-34/09 (ara wkoll l-Istqarrija għall-Istampa Nru 16/11).